FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Novembru, 2001**

**Numru 1**

**Avviz. numru 1003/01JR**

**Claire Webster**

**vs**

**Annabelle Muscat**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' disgha mija u tmenin lira Maltija (Lm980.00), u fejn intqal:**

**Illi l-attrici silfet is-somma imsemmija lill-konvenuta;**

**Illi l-konvenuta naqset milli thallas l-istess somma lill-attrici wara li din talbitha biex teffetwa l-pagamenti kif kien miftiehem bejn il-kontendenti.**

**Ghaldaqstant l-attrici titlob lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas**

is-somma fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Mejju, 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentatx risposta fir-rigward, u lanqas ma dehret.

Semgha x-xhieda ta' Claire Webster li kkonfermat li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici l-ammont ta' disgha mija u tmenin lira Maltija (Lm980.00), bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Mejju, 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

Dr Joseph Refalo
GUDIKATUR